MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2009/2002

**Vodafone Malta Limited**
**vs**

**Ideal Dwellings (Turnkey) Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fis-26 ta' Awissu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tnejn u sebghin lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm372.62), rapprezentanti mitejn u disa' liri Maltin u centezmu (Lm209.01) minnhom bhala hlas ghall-servizzi rezi mis-socjeta` attrici in konnessjoni mal-"mobile phone" bin-numru 99472229, u mija u tlieta u sittin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm163.61) minnhom bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta` attrici in konnessjoni mal-"mobile phone" bin-numru 99474733;**
**Minkejja nterpellata sabiex thallas diversi drabi is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;**

**Bl-ispejjez u bl-interessi kontra s-socjeta` konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament kif ukoll bl-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma din it-talba.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Michael Grech ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Art.13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal, jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u sebghin lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm372.62) bl-imghax legali mit-26 ta' Awissu, 2002.**

**L-ispejjez ta dina l-istanza kif ukoll l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mat-talba ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------